MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 768/2011

**Frankie Zammit (476880M)**
**Vs**
**Kunsill Lokali San Gwan**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur appremetta li fl-4 ta' April, 2011 ghall-habta tad-9:00pm filwaqt li l-esponent Frankie Zammit kien qed isuq il-vettura tieghu tat-tip Ford Focus bin-numru ta' registrazzjoni SIR080 fi Triq San Giljan, San Gwann, b'rizultat ta' traskuragini, negligenza w imperizja tal-Kunsill Lokali intimat fl-esekuzzjoni ta' xoghlijiet li kien qed iwettaq fl-istess triq, l-esponent sofra hsarat fl-imsemmija vettura proprjeta' tieghu, oltre danni ohra kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza; ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogghbu: 1. Jiddikjara li l-intimat Kunsill Lokali San Gwann unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-esponent fl-incident fuq imsemmi; 2. Konsegwentement jikkundanna lill-intimat Kunsill Lokali San Gwann ihallas lill-esponent

is-somma ta' €720.87, jew somma ohra verjuri, in linea ta' danni; bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittri legali tas- 26 ta' April, 2011, tat- 12 ta' Mejju, 2011, tat-3 ta' Gunju, 2011 u tal- 14 ta' Gunju 2011, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-Kunsill intimat fejn eccepixxa illi t-talba attrici tinsab ikkontestata bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont tal-kwantum mitlub huwa kkontestat; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'mod preliminari, l-Kunsill konvenut jeccepixxi li huwa mhux il-legittimu kontradittur f'din it-tilwima u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur; illi l-Kunsill konvenut gia kien gab tali fatt a formali konjizzjoni tal-attur permezz t'ittra datata 9 ta' Gunju, 2011 (Dok A) permezz ta' liema, l-attur kien gie nformat illi huwa kellu jindirizza l-allegazzjonijiet u t-talbiet tieghu lejn is-Socjeta' Dimbros Ltd., ta' Ludwig Garage, Triq Dun Salv Ciappara, Zebbug bhala l-kuntrattur li kien qieghed jaghti ezekuzzjoni ghax-xogholijiet allegatament mertu ta' din il-vertenza; salv eccezzjonijiet ulterjuri; bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Kurt Gullaimier u ta' Frankie Zammit.

Ra l-atti kollha;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas- 27 ta' Settembru, 2012;

Ra r-rikors tal-Kunsill Lokali San Gwann ipprezentat nhar it-13 ta Lulju 2012 fejn gie mitlub illi tigi notifikata s-socjeta Dimbros Limited ta' Ludwig Garage Triq Dun Salv Ciappara Zebbug u dan kif kontemplat fil-LS 380.

Ra r-risposta ta' Frankie Zammit li oppona ghat-talba .

Ra t-tieni rikors li gie pprezentat mill-Kunsill konvenut fejn ikkontesta r-risposta tal-attur u talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u li tawtrorrizah li tinnotifika lit-terz Dimbros Limited hekk skont ir-regolament 6(2) tal-LS 380.01.

Illi fil-mori tad-differiment gietipprezentata r-risposta tal-attur li rega’ oppona ghat-talba.

Illi ghalhekk it-Tribunal ghandu l-ewwel jideciedi u jaghti digriet dwar iz-zewg rikorsi fejn intalab illi jigi notifikat terz a bazi ta-regolament 6.2 ta’ LS 380.1.

Illi l-Kunsill Lokali ta’ San Gwann kien iddikjara fir-risposta tieghu li mhuwiex il-legittimu kuntradditur u indika lil Dimbros Limited. Illi r-regolamenti 6.1 u 6.2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 380.01 jindikaw illi jekk konvenut jhoss illi xi haddiehor ghandu jhallas ghat-talba ghandu jindika min hu u ghandu jinnotifika hu stess dan it-terz.

Illi l-artikoli 960 sa 962 tal-kapitlu 12 tal-Kodici tal-Procedura Civili (li gew indikati mill-partijiet u li jirreferu ghal-kjamat in kawza), m’ghandhomx applikazzjoni hawn ghaliex it-talba ta’ leggitimu kontradditur titlob illi l-konvenut m’ghandux lok fil-kawza u ghandu jigi sostitwit min terz filwaqt li l-kjamat in kawza huwa zieda ta’ konvenut iehor. Ghalhekk il-punt mqanqal mil-Kunsill konvenut li t-talba tal-kjamat in kawza tista’ tigi mqajjma f’kull waqt m’ghandux applikazzjoni ghat-talba odjerna.

It-Tribunal ihoss illi t-talba kellha ssir *in limine litis* u mhux wara li sema’ l-provi kollha u sahansitra t-trattazzjoni tal-partijiet u ghalhekk din it-talba saret tardiva wisq.

Ghalhekk jichad it-tabiet tal-Kunsill Lokali ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza preliminari dwar il-legittimu kuntradditur sabiex jinnotifika lil Dimbros Limited, u dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-Kunsill konvenut kontra s-socejta’ Dimbros Limited.

**Ikkunsidra:**

It-Tribunal ghandu jaghti decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari ossia li l-Kunsill Lokali m’huwiex il-legittmiu kontradittur ghat-talba odjerna.

It-Tribunal jaghmel riferenza ghal-Legislazzjoni Sussidjara 499.57 (artikolu 3) li juru bic-car illi r-

responsabilta' ghall-kostruzzjoni, re-kostruzzjoni, kura u manteniment tat-toroq huwa tal-Kunsill Lokali. Illi l-artikolu 8 (2) jindika b'mod esplicitu li r-responsabilta' tat-toroq huwa tal-Kunsill u tal-Kunsill wahdu.

Illi ghalkemm hareg mill-provi li kien hemm relazzjoni guridika bejn Dimbros Limited u l-Kunsill lokali (ara ftehim datat 9.05.2008 a fol. 33A) li jirregola r-relazzjoni ta' bejn il-Kunsill Lokali u l-kuntrattur Dimbros Limited, fir-rigward tal-manteniment tat-toroq u progetti ohra f'San Gwann, pero' xorta wahda fir-rigward tal-attur hu ma kellu ebda relazzjoni guridika mat-terz Dimbros Limited u ghalhekk l-azzjoni odjerna tista tregi biss fil-konfront tal-Kunsill Lokali. Dan minghajr pregudizju ghad-drittijiet tal-Kunsill li jiehu azzjoni kontra Dimbros permezz tal-ftehim li hemm bejniethom.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi u ghal din ir-raguni jichad l-eccezzjoni preliminari u jordna il-prosegwiment tas-smiegh fuq il-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------